MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2007

Numru. 307/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY PORTELLI**

**KONTRA**

**STEVEN JOSEPH CARUANA**
**GILBERT CARUANA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Steven Joseph Caruana ta' 20 sena, bin Joseph Carmel u Antonia nee' Mifsud, imwieled Tal-Pieta' nhar it-12 ta' April, 1987, residenti fil-fond numru 30, Blossom, Triq l-1 ta' Jannar, 1626, Ghaxaq, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 180187(M);
U Gilbert Caruana ta' 25 sena, bin Nazzareno u Madalena nee' Duca, imwieled Tal-Pieta' nhar is-26 ta' April, 1981, residenti fil-fond numru 128, L-Ghabex, Triq San Filippu,

Ghaxaq, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 217581(M);

Akkuzati talli gewwa Hal-Ghaxaq, fil-lejl ta' bejn l-20 u l-21 ta' Mejju, 2004 volontarjament ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamlu hsara billi qabbdu zewg skips li kienu jinsabu fejn il-club tal-bocci ta' Hal-Ghaxaq, liema hsara teccedi l-Lm50.00 (hamsin lira maltin), u dan ghad-dannu ta' Richard Darmanin miz-Zejtun, u/jew persuni ohra.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputati, fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li ngahtawzmien xieraq skond il-Ligi biex jikkunsidraw din l-ammissjoni taghhom;

Wara li rat l-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmija imputati Steven Joseph Caruana u Gilbert Caruana hajta tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontriehom, izda tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sitt (6) xhur, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
Barra minn hekk, din il-Qorti tordna wkoll lill-istess imputati jhallsu s-somma ta' Lm400.00 (erba' mitt lira maltin), bhala danni sofferti mill-parte civile indikat fl-akkuza, fi zmien sitt (6) xhur.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------